*Artiklu*



Kav Stanley Mangion E.O.H.S.M.

# Kif jinbidel il-kliem u kif tinbidel it-tifsira

*it-tieni parti*



Waqt ir-riċerka li għamilt tul is-snin fix-xogħolijiet tiegħi, sibt xi ħaġa tassew kurjuża u fl-istess ħin interessanti. Kif jinbidel il-kliem! Kelma oriġinali, bil-Malti u mal-milja taż-żmien, minn ġenerazzjoni għall-oħra, il-kelma oriġinali tinbidel u magħha tinbidel ukoll it-tifsira. Ġeneralment dan it-tibdil iseħħ l-aktar fl-ismijiet ta' lokalitajiet jew ħoriet għalkemm, kif sejrin naraw dan il-fenomenu jseħħ ukoll fil-kelma mitkellma ta' kuljum. Ngħid għalija sibtha xi ħaġa ferm interessanti. F'din il-kitba tiegħi se nagħti ftit eżempji. F'artiklu qatt ma tista' timraħ u tinfirex. Biss wieħed jittama li dan l-artiklu jkun inċentiv ta' aktar studju profond u wiesgħa f'din it-tema.

## Virtù jew Virtut

Issa sejrin immorru ġirja sar-Rabat tal-Mdina u nersqu qrib ħafna fejn illum hemm is-Seminarju Arċiveskovili, kemm dak magħruf bħala l-Minuri kif ukoll dak magħruf bħala l-Maġġuri. Is-Seminarju minuri hu skola sekondarja waqt li s-Seminarju Maġġuri hu l-post fejn is-seminaristi jitħarrġu kemm intellettwalment u aktar spiritwalment fis-sejħa saċerdotali tagħhom. Ftit aktar 'l isfel mis-seminarju hemm ukoll promotorju jew biċċa art maħruġa ftit il-barra li minnha tgawdi veduta tassew sabiħa u tal-għaġeb. Illum din il-ħora tas-seminarju hi magħrufa bħala Tal-Virtù. Imma fiż-żjajjar pastorali din il-lokalità hi dejjem imniżżla bħala Tal-Virtut. Xi tfisser il-kelma Virtut ma nafx. Biss żgur li ma tfissirx dak li aħna nifhmu bħala drawwa jew prattika ta' xi ħaġa sabiħa u tajba. Jista' jkun li Virtut hu xi laqam ta' xi familja li xi darba kienet tippossedi din il-ħora. F'din il-ħora hemm knejsa sabiħa ħafna. Fuq il-koppla ta' din il-kappella, fil-bidu tas-seklu XX, kienet tqegħdet statwa tassew sabiħa u artistika ta' Kristu Salvatur bħala tifkira t'għeluq is-seklu XIX u l-bidu tas-seklu XX. Din l-istatwa ta' Kristu Salvatur kienet inħadmet tal-ħadid u għalhekk kienet tqila wisq. Meta din l-istatwa tpoġġiet fuq il-koppla ta' din il-kappella, il-koppla ħasset u bdiet tinfetaħ. Għalhekk din l-istatwa tneħħiet minn fuq il-koppla biex din ma tkomplix tiggrava. Imma sfortunatament il-ħsara kienet kbira u din il-kappella damet snin sħaħ abbandunata. Dan il-promotorju kien tal-Katidral tal-Mdina. Kien ġie deċiż li dan jinbiegħ. Klawsola mill-kuntratt ta' dan il-bejgħ kienet tobbliga lis-sidien il-ġodda biex jirrestawraw din il-knejsa u jħallu l-użu ta' din il-kappella għall-fidili. Hekk din il-kappella ġiet salvata minn qerda ċerta u ukoll qed tintuża minn għaqdiet reliġjużi. Taħt din il-kappella x'aktarx li hemm xi katakombi ukoll.

## Tibdil fuq Talba

Fl-aħħarnett tajjeb insemmu li l-isem ta' xi postijiet jista' jinbidel fuq talba espliċita tar-residenti nfushom jew inkella tal-mexxejja spiritwali jew temporali. Hawnhekk l-eżempju

*ikompli f'paġna 121*

klassiku li nistgħu nġibu huwa r-raħal ta' San Ġwann. Min hu ta' ċerta età jiftakar tajjeb li dak ir-raħal li llum jismu San Ġwann kien magħruf bħala l-Msieraħ. Bħala storja llum għad fadal xi tifkiriet ta' dan l-isem. Hekk insibu Msieraħ Pharmacy. L-isem ta' din l-ispiżerija ifakkarna fl-isem oriġinali ta' dan il-post. Illum il-lokalità ta' San Ġwann hi ħora organizzata tajjeb ħafna u l-popolazzjoni ta' dan il-post donnu dejjem tiela' 'l fuq. Hu post organizzat kemm mil-lat spiritwali kif ukoll mil-lat temporali. Bħala parroċċa hi ddedikata lill-Immakulata Kunċizzjoni ta' Lourdes. Il-miġja tal-irħieba kapuċċini ta' spinta tassew qawwija lil dan ir-raħal tal-Msieraħ. Dan għaliex il-kapuċċini bdew jorganizzaw il-parroċċa fdata f'idejhom kemm spiritwalment kif ukoll soċjalment. Infetħu l-iskejjel għat-tfal ukoll. Jafu jorganizzaw festa sabiħa ukoll. San Ġwann, għalkemm hu raħal li nħakem ukoll mit-traffiku li jgħaddi minnu hu ukoll lokalità kwiet l-aktar jekk titbiegħed xi ftit mit-triq ewlenija ta' din il-ħora li hi tassew traffikuża u toqrob lejn il-viċinazi tal-widien li jdawwru lil din il-lokalità.

Huma sbieħ tassew il-widien ta' Wied Għollieqa, Wied Birkirkara, Wied Għomor u Wied il-Mensija u l-għelieqi tal-madwar bis-siġar fihom li llum jiffurmaw parti mill-Kappara. Nittamaw li l-Kunsill lokali ta' San Ġwann jibqa' jgħasses fuq dawn il-widien biex ma jinħarġux permessi u hekk tintilef darba għal dejjem dak li jsawwar l-ambjent u l-madwar li hu karatteristika tal-ħora ta' San Ġwann. Illum San Ġwann għalaq il-50 sena bħala parroċċa. Għalhekk illum f'San Ġwann, ixxettlet dik il-ġenerazzjoni li jħossuhom ulied dan il-post għax infatmu mill-ġibdiet emozzjonali ġustifikati tal-ġenituri tagħhhom li għalkemm għażlu jinżlu joqgħodu f'dan ir-raħal pjuttost ġdid xorta waħda jħossuhom emozzjonalment miġbuda lejn raħal jew belt twelidhom. L-isem ta' din il-lokalità kien inbidel fuq talba tal-kommunità kapuċċina li xtaqet għal dan ir-raħal isem aktar modern u isem li jinżel aktar għasli għan-nies li jgħammru f'dan il-post. Jidhirli li l-isem inbidel ftit snin biss qabel ma dan ir-raħal sar parroċċa propju 51 sena ilu, fl-1965.

Naħseb li jkun tajjeb jekk nerġgħu mmorru għall-għeruq propji ta' dawn l-ismijiet ta' dawn il-postijiet u hekk l-għeltijiet li saru mal-mixja tas-snin jitranġaw bħalma seħħ fil-każ ta' Birkirkara fil-famuża Foħħarin u Fuħħarin. L-għeruq ta' dawn l-ismijiet oriġinali tal-lokalitajiet għandhom jibqgħu dejjem f'moħħna biex il-karatteristiċi tal-lokalitajiet tagħna nibqgħu nkunu nafuhom u nkunu konxji tagħhom għax ħafna drabi dawk l-ismijiet jagħtu l-identità tal-post, raħal jew belt.

Dawn l-ismijiet oriġinali ħafna drabi nsibuhom dejjem fiż-żjajjar pastorali li saru mill-isqfijiet ta' Malta tul il-mixja tas-snin għax fihom baqa' l-oriġinalità tal-kelma. Dawn id-deskrizzjonijiet li nsibu f'dawn iż-żjajjar huma tassew għonja f'dak li huwa deskrizzjonijiet ta' ħafna u ħafna lokalitajiet differenti. Huma għajn ta' studju kbir mhux biss fejn tidħol l-istorja tal-ħajja spiritwali tal-poplu Malti imma ukoll fejn tidħol il-ħajja soċjali tal-poplu Malti.